TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Charles u Anne Chircop

vs

World Marketing Services Ltd.

CCT 33/17/MS

24 ta' Settembru 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-7 ta' Frar 2017 li bih wara li ppremetew illi xtraw siggu *reclining* minghand is-socjeta' intimata, ghal prezz ta' €997.00, talbu ir-rifuzjoni ta' €895.00 stante illi dan is-siggu tahom biss problemi minn mindu xtrawh.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fit-28 ta' Frar 2017, fejn eccepiet illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt oltre eccezzjonijiet ta' natura legali imqajma fl-istess risposta.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' intimata illi l-ilment tar-rikorrenti kellu jkun dikjarat fil-formola tat-talba u mhux dezunt minn korrispondenza precedenti, jigi rilevat illi l-procedura quddiem dan it-Tribunal mhuwiex daqshekk formalizzat bhal quddiem Tribunali u Qrati ordinarji. Dana jfisser illi jista' jkun hemm certa latitudini fejn avolja fil-formola ma jkunx hemm informazzjoni bizzejjed, jekk dan jigi dezunt minn dokumenti ohra - parti mill-atti tal-kawza - allura l-vot tal-ligi jkun sodisfatt u ma hemmx ghalfejn procedura aktar formali. F'dan il-kaz, it-Tribunal fehem sew dak illi talbu r-rikorrenti u kwindi tista' tiddeciedi fuq it-talba taghhom, minghajr xkiel. Ghalhekk l-eccezzjoni preliminari qieghda tigi michuda.

Illi l-eccezzjonijiet l-ohra jirrigwardaw il-mertu. Irrizulta mill-provi illi f'Mejju 2016, ir-rikorrent Charles Chircop xtara minghand is-socjeta' intimata pultruna maghrufa bhala 'Medium Zero Gravity Chair', bil-prezz ta' €997.00. Fuq dan hallas depozitu ta' €102.00 biex b'hekk kien fadallu bilanc ta' €895.00. Is-siggu gie konsenjat fis-26 ta' Mejju 2016. Ir-rikorrent ma jiftakarx ezatt meta hallas il-bilanc, pero' dana zgur li thallas, kif gie konfermat ukoll mis-socjeta' intimata.

Illi dakinhar stess illi gie armat is-siggu, r-rikorrent ippruvah u meta wasal nofs triq, sema' *"clicking noise"* u wara ftit ta' uzu rega' gie normali. Ir-rikorrent ighid li l-hoss baqa' jippersisti u ghalhekk ilmenta mas-socjeta' intimata li ghal bidu ta' Awwissu 2016, hadu s-siggu fil-workshop taghhom. Wara xi hmistax, is-siggu rega' gie konsenjat lir-rikorrenti u hawnhekk dan tal-ahhar ilmenta illi kien gie fl-ahhar tar-*recline* flok fin-nofs. Rega' kkuntattja s-socjeta' intimata, li ghal darb'ohra baghtet *technician* fejn dan ma setax jirriskontra il-hoss illi allegatament kien qed jaghmel dan is-siggu. Skond Vincent Apap, ir-rapprezentant tas-socjeta' intimata, kienu biddlu xi *bushes* u xi *parts* ohra biex is-siggu gie jahdem perfettament. Jidher illi l-problema tal-hoss giet solvuta u ma sarux aktar ilmenti fuqha. Pero' ir-rikorrenti ma kienux sodisfatti u lmentaw minn problema ohra.

Illi din id-darba r-rikorrenti lmentaw li l-materjal li kien hemm fuq l-*arms* tas-siggu beda jitqaxxar u esebew ritratti li juru dan it-tqaxxir. Mhuwiex kontestat li fil-fatt dan il-materjal tqaxxar u avolja l-materjal ma kienx kopert mill-garanzija, s-socjeta' intimata ghal darb'ohra accetat illi tbiddel dan il-materjali a spejjes taghha. Dana ghamlitu biex jinttlahaq kompromess u kulhadd kien kuntent. Kienu ghazlu wkoll il-materjali u kellhom tapizzar *in-house* lest biex jaghmel ix-xoghol. Peress illi kien zmien Awwissu fejn xi impjegati mis-socjeta' intimata kienu bil-*leave,* lahqu ghaddew xi tlett gimghat u meta fl-ahhar is-socjeta' intimata kkuntattjat lir-rikorrenti, dawn ma wrewx interess u qalulhom li adixxew dan it-Tribunal.

Ikkunsidra

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali jidher illi din l-istanza hija intempestiva. Kemm il-ghaliex il-problemi gew solvuti u wkoll ghaliex ir-rikorrenti ma tawx zmien bizzejjed sabiex is-socjeta' intimata tirrimedja l-problema ta' tqaxxir tat-tappizzerija. Kienu l-istess rikorrenti illi accettaw illi jsir ix-xogholijiet rimedjali imma jidher illi qal xi raguni ma kellhomx pacenzja jistennew u ddecidew li minflok jmorru quddiem dan it-Tribunal. Ghalhekk fuq dan il-punt zgur li r-rikorrenti m'ghandhomx ragun jilmentaw.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-hoss, jibda biex jinghad illi r-rikorrenti mhumiex qeghdin jilmentaw mill-operazzjoni tas-siggu jew il-livell ta' konfort tieghu. Is-siggu kien jahdem u baqa' jahdem perfettament mill-mument li nxtara. L-unika ilment li ghamlu r-rikorrenti jirrigwarda dan il-*clicking noise* illi jghidu li jissemghu kultant. It-Tribunal jirrileva illi

siggu bhal dak jirrikjedi certa ingranaggi sabiex ikun jista' jopera u ghalhekk mhi xejn stramba illi xi kultant dawn jaghmlu certa hoss fl-operazzjoni taghhom. Is-socjeta' intimata irrimedjat billi biddlet xi *nylon bushes* u *parts* ohra u jidher illi dan il-hoss tnaqqas drastikament. Ir-rikorrenti baqghu juzaw is-siggu u dam ghandhom ghal dawn l-ahhar sentejn u t-Tribunal ma jarax x'gustifikazzjoni jista' jkollhom biex jitolbu kwazi l-ammont shih tal-prezz mixtri. Apparti l-fatt li kif gja nghad ma hemm xejn hazin fl-operazzjoni, is-socjeta' intimata offriet illi taghmel tajjeb ghal xi tqaxxir fit-tappizzerija. Kien nuqqas tar-rikorrenti illi ma accettawx din l-offerta li giet maghmula wkoll quddiem dan it-Tribunal.

It-Tribunal ghalhekk ihoss illi r-rikorrenti qeghdin jippruvaw jaghmlu gwadann ingust a skapitu tas-socjeta' intimata li mxiet b'mod professjonali u gust fil-mori ta' din il-kwistjoni. Mhux sew ghalhekk illi minn fuq dina tigi penalizzata.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra taghhom.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru